MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Numru. 292/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Robert Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Robert Zahra ta’ 32 sena iben Mariano u Mary Grace’ nee’ Formosa mwieled Pieta fl-24 ta’ Gunju 1976, detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 371876 (M),

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-28 ta’ Frar 2008 ghall-habta ta’ 08.45pm u fix-xhur ta’ qabel din id-data waqt li kien fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi

preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija u li l-fedina penali tieghu mhix wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-2 ta' Jannar 2012, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata

habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------